31999R0964

L 119/28 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.5.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 964/1999
tas-6 ta' Mejju 1999
dwar il-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-kunsill (KEE) 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Komuni tal-Komunita, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 861/1999 [2], b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jkunu addottati miżuri dwar il-klassifika tal-merkanzija li hemm referenza għaliha fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-Regoli Ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunita, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa u miżuri oħra konnessi ma' kummerċ ta' merkanzija;

Billi, skond ir-Regoli Ġenerali msemmija, il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li informazzjoni li torbot ta' tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri fir-rigward tal-klassifika ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma jikkonformwax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista' tissokta tkun invokata, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komuni [3], għal perjodu ta' tliet xhur mill-possessur;

Billi miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-Sezzjoni dwar Nomenklatura ta' Tariffa u Statistika tal-Kumitat dwar Kodiċi Dognanli,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa issa hija kklassifikata ġon-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

L-Artikolu 2

Informazzjoni ta' tariffa li torbot maħruġa mill awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tissokta tkun invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 108, tas-27.4.1999, p. 11.
(3) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni tal-merkanzija	Klassifika ta' kodiċi (NM)	Raġuni
(1)	(2)	(3)
1. Trasmettitur ottoeletroniku kapaċi jikkonverti sinjali ta' frekwenza tar-radju FR (RF) f'sinjali ottiċi. L-apparat jittrasmetti wkoll dawn is-sinjali ottiċi permezz ta' sistema ta' *fibre optic cable trunk* permezz ta' *laser* li juża teknoloġija ta' *carrier—current*. Huwa llokat fix-xibka ta' trasmissjoni ta' sistema ta' *cable* TV	8517 50 10	1. Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8517, 8517 50 u 8517 50 10 (ara wkoll in-Noti Spjegattivi tas-Sistema Armonizzata mat-Titolu 8517, III)
2. Rilevitur ottoelettroniku kapaċi jikkonvert sinjali ottiċi f'sinjali ta' frekwenza tar-radju FR (RF) wara trasmissjoni permezz ta' teknoloġija ta' *carrier—current* permezz ta' sistema ta' *fibre optic cable trunk*. Huwa llokat fix-xibka ta' trasmissjoni ta' sistema ta' *cable* TV. L-*output* FR (RF) jintuża biex iservi linji ta' *trunk* diversi fil-fibre service fl-area lokali	8517 50 10	2. Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8517, 8517 50 u 8517 50 10 (ara wkoll in-Noti Spjegattivi tas-Sistema Armonizzata mat-Titolu 8517, III)